*-ħlas ta' spejjeż meta kawża tiġi kkanċellata minn fuq il-lista*

*-Artiklu 199 tal-Kap 12*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM 30 t' Mejju, 2019.**

**Rikors Nru. 646/2013GM**

**ANTHONY SPITERI**

**ID 720361(M)**

**VS**

**ERIC ZAHRA**

**ID 233492(M)**

Digriet kamerali

**Il-Qorti,**

Rat illi din il-kawża ġiet imħollija *sine dine* fl-udjenza tal-25 ta' Novembru 2014[1] kawża ta' nuqqas ta' interess min-naħa tal-attur. Sitt xhur wara, l-attur talab sabiex din il-kawża terġa' tiġi appuntata għas-smiegħ.[2] Il-Qorti qiegħditha mill-ġdid għas-smiegħ għas-7 t'Ottubru 2015. Fis-seduta tal-11 ta' Frar 2016 din il-Qorti ħassret il-kawża mil-listi bi spejjeż għall-attur. Fuq rikors tal-attur, il-Qorti, permezz ta' provvediment kamerali skont id-disposizzjonijiet tal-Artiklu 199(3) tal-Kap 12, reġgħet qiegħdet il-kawża għas-smiegħ għall-5 ta' Mejju 2016 bil-kundizzjoni li l-attur jara li jsir il-ħlas tad-drittijiet kif titlob il-liġi qabel dakinhar.[3] L-attur ottempera ruħu permezz ta' ċedola ta' depożitu tad-19 t'April 2016;

Illi permezz ta' "nota u talba" ippreżentata fit-2 ta' Mejju 2016, l-attur issottometta illi:

"qed jitlob ir-revoka contrario imperio tal-ordni għall-ħlas fir-reġistru tas-somma ordnata mir-reġistratur. L-esponenti qed iġib quddiem il-Qorti kopja tat-tariffa, li hija liġi u torbot lir-reġistratur tagħha, li ma jistax jivvinta xi regolament minn jeddu.

Fl-imgħoddi meta kien hemm tariffa xorta oħra, kienu jiġu ntaxxati id-digrieti u konsegwentement kien hemm rabta bejn dak li jingħad fl-artiklu 199(3) tal-kap 12 u t-tariffa. Meta saret l-emenda tat-tariffa, u r-reġistru għola sew, kienet l-intenzjoni li l-ħlas ta' kollolx isir bil-quddiem. Imma mbagħad imqatgħu ħafna ħlasijiet zgħar tul

[1] Fol 37.
[2] Fol 38.
[3] Fol 45

il-kawza. Fosthom tneħħiet tassazzjoni favur ir-reġistru u l-Avukati tad-digrieti kollha mogħtija pendente lite kif jirrizulta mill-annessa kopja, u l-aktar fejn mizbugħ fuqha bl-aħdar.

Illi r-reġistratur tal-Qrati irrisponda[4] li:

U fl-aħħarnett iċċita bran mis-sentenza **Dr. Arturo Valenzia v Av. Dr. Luigi Pace noe[5].** Għalkemm jgħid li qiegħed jiċċita dak li qalet il-Qorti tal-Appell, fil-fatt il-bran li jiċċita huwa minn dak li qalet il-Qorti tal-Prim'Istanza**;**

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti taqbel ma' dawn is-sottomissjonijiet tar-Reġistratur;

Illi fl-imsemmija **Valenzia v Pace**, il-Qorti tal-Prim'Istanza[6] qalet hekk:

Ili tant fil-kaz ta' liberazzjoni "ab observantia" kemm fil-kaz tal-kanċellament l-effett huwa uniku, u ċioe' dak li topponi terminu għall-kawza f'dak l-istadju mingħajr preġudizzju tar-riproposizzjoni tal-kawza taħt certi kundizzjonijiet, u ċioe' dak tal-ħlas ta' l-ispejjez tal-kawza kanċellata jew fejn ġiet ordnata l-liberazzjoni tal-konvenut. Minn dan toħroġ loġika l-konkluzjoni illi l-kanċellament huwa deċizjoni tal-Qorti li mhux biss tponi fini għall-kawza, imma tiddeċiedi wkoll il-kap tal-ispejjez; u għalhekk ma tistax ma titqiesx bħala sentenza;

Illi l-fatt illi l-liġi tagħti in vija eċċezzjonali lill-attur, f'kaz ta' kanċellament jew liberazzjoni, li javanza talba biex il-kawza tiġi trattata fuq l-istess atti ma jimportax

[4] Fol 54.
[5] Qorti tal-Appell (Inferjuri) 15 t'April 1950 – Kollez. Vol. XXXIV.i.405 – per Onor. Imħ. A.J. Montanaro Gauci

[6]il-Qorti Civili tal-Maġistrati tal-Pulizija Gudizzjarja ta' Malta 30.12.1949

illi l-kanċellament jew il-liberazzjoni ma humiex deċizjonijiet veru u proprji, imma dan il-provediment għandu bħala bazi tiegħu u bħala skop iċ-ċelerita' tal-proċeduri u l-ekonomija għar-rigward ta' l-ispejjez li jkun laħaq għamel l-attur;

Illi l-argument li jrid jiġbed mill-kliem tal-liġi l-konvenut Dr Pace għat-tezi tiegħu ma hux konformi mal-prinċipji ġuridiċi u lanqas mal-loġika. Infatti l-Art 197 (1) fejn jikkommina l-kanċellament tal-kawza bl-ispejjez kontra l-attur ma jagħmel ebda distinzjoni bejn l-ispejjez tar-reġistru u d-drittijiet dovuti lid-difensuri. L-anqas jista jingħad li l-kliem ta' l-istess artikolu para. (3), fejn jingħad "jekk qabel ikunu ġew imħallsa l-ispejjez li jkunu saru...." ma jimpurtax illi l-ispejjez għandhom ikunu limitati għall-ispejjez tar-reġistru, jew tax-xhieda, jew ta' xi dokumenti esebiti; għaliex interpretazzjoni simili tkun evidentement konflinġenti mal-para. (1) tal-istess artikolu;

Illi anki loġikament, dina għandha tkun l-interpretazzjoni li għandha tingħata għall-kliem tal-liġi. Infatti, li kieku l-atturli tkun ġietlu kanċellata l-kawza, jew li fiha tkun ingħatat liberezzjoni ab observantia, ma jipprofittax ruħu fit-terminu tal-privileġġ lilu mogħti tar-riproposizzjoni tal-kawza fuq l-istess atti, il-kawza titqies bħala definita mingħajr preġudizzju fil-meritu, u lid-difensuri jiġi naturalment taxxat id-dritt li jmisshom skond in-numru 34(a) tat-Tariffa "G". Ma jistax ikun hemm għalhekk ebda raġuni li tippreġudika lill-konvenut sempliċiment għaliex l-attur ikun ipprevalixxa ruħu minn dak il-privileġġ. Dana l-ħsieb tal-leġislatur jidher ċar mill-fatt illi, sabiex jippermetti lill-attur juzufruwixxi min dik il-fakulta', imponielu bħala kondizzjoni dik illi qabel xejn iġħallas l-ispejjez tal-konvenut; u fost dawn l-ispejjez jidħlu naturalment l-onorarji li jkun ħallas lill-patroċinatur tiegħu;

Illi din il-Qorti taqbel li l-provvediment ta' kanċellament mhuwiex digriet, imma sentenza[7] u għalhekk mhix "dikjarazzjoni" jew "digriet" imsemmija fil-proviso għal f'para. 3 li għalih jagħmel riferenza l-attur;

Illi nterpretazzjoni mod ieħor tfisser li l-ħtieġa mposta mill-Artiklu 199 li l-attur iħallas l-ispejjeż qiegħdha hemm għalxejn – ħaġa li m'għandhiex tiġi preżunta fl-interpretazzjoni tal-liġi.

Illi għal dawn il-motivi, il-Qorti tiċħad it-talba tal-attur.

Onor. Imħallef

Grazio Mercieca

[7] dwar id-distinzjoni bejn sentenza u provvedimenti oħra, ara wkoll Philip Gatt v Adrian Busietta 09.05.2002 tal-Onor. Imħallef J.R. Micallef